K.L.B.L. 31/07/2018

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws tal-2018 li jemendaw il-*Bye-Laws* dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Ħal Kirkop)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8) u 60 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Ħal Kirkop għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* tal-2018 li jemendaw il-*Bye-Laws* dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Ħal Kirkop), u dawn għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-*Bye-Laws* dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Kirkop), hawnhekk iżjed `il quddiem imsejħa "l-*Bye-Laws* prinċipali." Titolu. L.S. 363.127.

2. L-Iskeda li tinsab mal-*Bye-Laws* prinċipali għandha tiġi sostitwita b'din l-Iskeda ġdida li ġejja: Tissostitwixxi l-Iskeda tal-*Bye-Laws* prinċipali.

"SKEDA
(*Bye-Law* 3.5)

Drittijiet dovuti għal Reklamar fuq Għamara tat-Toroq

Qisien	**Dritt Dovut**		
	Ġimgħatejn	Xahar	Sena
Sa 0.5 metru kwadru	€9	€13	€55
Minn 0.51 sa 1.0 metru kwadru	€18	€26	€125
Minn 1.01 sa 2.0 metri kwadri	€36	€52	€250
Iktar minn 2.0 metri kwadri	€7 kuljum (soġġett għal minimu ta' €100)"		
